**8 ta' April, 1961**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B. Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Angelo Scerri

**Artikolu 23 tal-Liġijiet Kriminali — Kopja tal-Obligazzjoni — Appell — Provi.**

*F'każ ta' akkuża kontra l-imputat talli kiser l-obligazzjoni minnu assunta li ma jikkommettix delitt ieħor fiż-żmien preskrizzjonali wara li kien ġie misjub ħati u liberat taħt il-provvedimenti tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, mhux biżżejjed li tinġieb mill-Prosekuzzjoni kopja tas-sentenza ta' qabel, li biha ġie mogħti l-benefiċċju tal-art. 23, imma jeħtieġ li tiġi eżibita l-kopja tal-obligazzjoni assunta mill-imputat; għax l-inflizzjoni tal-piena li qabel kienet ġiet sospiża tiddependi mill-prova ta' dik l-obligazzjoni. Finnuqqas ta' din il-prova, ikun hemm lok għall-kundanna għat-tieni reat, imma mhux għall-inflizzjoni tal-piena sospiża bl-applikazzjoni tal-art. 23.*

*U ladarba din il-prova ma tkunx saret fl-ewwel istanza, ma tistgħax issir fl-appell; għax id-dispożizzjoni li jinġiebu provi ġodda fl-appell japplika anki għad-dokumenti.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'Senglea fit-18 ta' Diċembru 1960, (1) offenda l-pudur u l-morali b'għemil li sar f'lok publiku jew

f'lok espost għall-publiku; (2) barra minn dan, f'dawn l-aħħar tnax il-xahar kiser l-obligazzjoni minnu assunta li ma jikkommettix delitt ieħor, wara li kien ġie misjub ħati ta' korruzzjoni ta' minorenni mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, u li ta' dan id-delitt ġie liberat taħt id-dispożizzjoni tal-art. 23 tal-Liġijiet Kriminali b'sentenza mogħtija mill-istess Qorti fit-22 ta' Ġunju 1960;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Frar 1961, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien għaxart ijiem u £5 multa; u billi kiser l-obligazzjoni minnu assunta li ma jikkommettix delitt ieħor wara li hu kien ġie misjub ħati ta' korruzzjoni ta' minorenni b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tat-22 ta' Ġunju 1960, ikkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahrejn;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-imputazzjoni dedotta fl-ewwel lok;

*Omissis;*

Din l-imputazzjoni, għalhekk, hi assodata;

Kwantu għall-imputazzjoni (dedotta fit-tieni lok) ta' infrazzjoni tal-obligazzjoni preċedentement assunta mill-imputat, u għall-inflizzjoni tal-piena preċedentement sospiża minħabba l-applikazzjoni tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm il-Pulizija prosekutriċi fl-ewwel istanza eżibiet kopja tas-sentenza ta' qabel, li biha ġie mogħti l-benefiċċju tal-art. 23, però ma eżibietx il-kopja tal-obligazzjoni assunta mill-imputat, mentri l-inflizzjoni issa tal-piena qabel sospiża tiddependi mill-prova ta' dik l-obligazzjoni; għaliex appuntu bażata fuq l-infrazzjoni tagħha bil-kommissjoni ta' reat ieħor. L-aħjar prova — li l-liġi teżiġi

b'dispożizzjoni appożita f'materja probatorja — hi l-produzzjoni ta' dik l-obligazzjoni, debitament assunta;

Ma hux il-każ ta' produzzjoni ta' dik l-obligazzjoni issa, f'din it-tieni istanza; għaliex hu prinċipju ġurisprudenzjali (App. Krim. "Pul. vs. Camilleri", 14 ta' Diċembru 1929, u oħrajn), li d-divjet ta' l-produzzjoni ta' xhieda ġodda fl-appell japplika l-istess għad-dokumenti;

Din il-Qorti kellha okkażjoni tgħid li, in linea di massima, l-appell hu proċess ta' reviżjoni, mhux ta' istruzzjoni mill-ġdid; u f'dan l-istadju l-funzjoni tal-ġudikant (salvi każijiet komportanti l-eċċezzjonijiet stabbiliti mil-liġi u każijiet oħra) hi dik li jara jekk l-ewwel ġudikant, fuq il-provi li kienu quddiemu, iddeċediex sewwa nkella le;

Għalhekk, din it-tieni mputazzjoni ma tistgħax titqies sostanzjata, stante n-nuqqas tal-prova bażilari tal-assunzjoni tal-obligu mill-parti tal-benefiċjat bl-art. 23 Kod. Krim. fl-okkażjoni riferita fiċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens biss li tneħħi dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ingħatat lill-imputat għar-reat ta' qabel il-piena (preċedentement sospiża) tal-lavuri furżati għal żmien xahrejn iżda tikqa' ferma l-bqija tas-sentenza, u ferma għalhekk il-kundanna tal-appellant għall-piena tal-priġunerija għal żmien għaxart ijiem u għall-multa ta' £5, relattivi għall-ewwel imputazzjoni, li tagħha tiġi konfermata r-reità; u f'dan is-sens jibqa' provvdut l-appell.